Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 38/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Isabella Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Isabella Cilia talli fit-22 ta' Novembru 2006 ghal-habta ta' 8.45 p.m. fi Triq iz-Zenqa, Naxxar ingurjat bil-kliem lil zewgha Robert Cilia;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Jannar 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Isabella Cilia hatja, izda illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar (1), ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmija Isabella Cilia pprezentat fis-6 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti huwa li hija cahdet li qatt qalet il-kliem li gie attribwit lilha minn Robert Cilia. Tghid li ommha kienet prezenti ghall-incident u kkonfermat dak li qalet l-appellanti. Skond l-appellanti, hemm konflitt ta’ provi tali li ghandu jwassal ghal-liberazzjoni taghha.

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi kollha li kienu nstemghu mill-ewwel Qorti.

Ix-xiehda li nghatat minn Robert Cilia u mill-appellanti hija certament konfliggenti dwar jekk l-appellanti qalitx il-kliem li Robert Cilia jghid li hassu ingurjat bih. Certament ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

Din il-Qorti, wara li semghet ix-xiehda – senjatament lil Robert Cilia dwar id-diskors li, skond hu, qalet martu, u

1 Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
2 Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

mill-banda l-ohra l-appellanti li cahdet li qalet dak id-diskors u lil omm l-appellanti li kienet prezenti fil-karrozza u li wkoll cahdet li semghet lill-appellanti tghid tali diskors – baqa' f'mohhha *"lurking doubt"* dwar il-htija ta' l-appellanti li giet pronunzjata mill-ewwel Qorti. Ghalhekk hija tal-fehma li l-appellanti ghandha tinghata l-beneficcju tad-dubju – *in dubio pro reo*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u minnha tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------